

# Italy & Slovenia

18 – 24 ta' Mejju

**7 t'ijiem**

**INŻURU: MILAN, SAN DONA DI PIAVE, CORTINA D'AMPEZZO, LAKE MISURINA, LJUBLIANA, PORTOROZ, IZOLA, TRIESTE, POSTONJA CAVES, LAKE MISURINA, CORTINA D'AMPEZZO**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, HALF BOARD u Taxxi mħallsa)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €849 | €799 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €849 | €799 |
| Kamra ta' persuna waħda | €935 | €885 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €620 | €510 |

**Prezz Jinkludi:**

- Titjira Malta- Linate – Malta mal-Airmalta
- Eskursjonijiet u Transfers kif indikat fil-programm (entraturi, cable cars u boats mhux inkluża)
- 6 iljieli fil-Hotel Park Continental ġewwa San Dona Di Piave
- Kmamar kollha bil-faċilitajiet privati
- Buffet Breakfast kuljum
- Halfboard 6 ikliet
- Taxxi, Service Charge u City Tax
- Tour Leader
- Insolvency Fund

## IS-SIBT 18 TA' MEJJU

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-10:30 għall-flight KM 624 li ttir fis-12:55 u naslu Linate fit-15:40. Transfer bil-kowċ lejn **San Dona Di Piave**. Mal-wasla tagħna fil-Hotel Park Continental 4 star issir is-sistemazzjoni tal-kmamar. Ċena u ħarġa mal-leader.

## IL-ĦADD 19 TA' MEJJU

Buffet breakfast u eskursjoni mill-iżjed interessanti li ser teħodna ġewwa Slovenia fejn ser ikollna l-opportunita' li nżuru **Postonja Caves**. Hemmhekk naraw sistema t'għerien (extra) fost l-aktar famużi fl-Ewropa u li ġew skoperti fis-sena 1213. Hawnhekk naraw in-natura fl-aqwa tagħha. Infatti dawn l-għerien jaslu sa 27km fond. Nissuġġerixxu li hawn iġġibu magħkom ġakketta jew pullover minħabba li t-temperatura fl-għar tkun xi ftit baxxa. Wara nżuru **Predjama Castle** -struttura strateġika mibnija ġol-muntanji **(extra).**

## IT-TNEJN 20 TA' MEJJU

Żgur li kulħadd sema' bil-belt famuża ta' **Venezja.** Għalhekk illum qed noffrulkom eskursjoni lejn din il-belt. Mal-wasla tagħna naqbdu d-dgħajsa (extra) li twassalna **Piazza San Marco**. Fil-mawra tagħna f'din il-belt nammiraw il-**Palazzo Ducale, il-Katidral ta' San Mark, Riva degli Schiavoni, Ponte dei Sospiri, Ponte di Rialto u Canal Grande.** Min irid jista' jitla fuq il-**Campanile di San Marco** għal veduta meraviljuża ta' Venezja u l-baħar ta' madwarha. Ikollna ħin liberu għal ikel extra u xiri ta souvenirs. Ċena fil hotel.

## IT-TLIETA 21 TA' MEJJU

Excursion mill-iżjed interessanti fejn se nżuru **Izola u Portoroz** ġewwa **Slovenia.** Nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Izola.** Flimkien mal-gwida tal-lokal (English Speaking), ikollna city tour fejn naraw postijiet ta' nteress bħal **Mandrac fil-pjazza l-kbira, it-town hall, Manzioli Square, Lovisato Palace, Besenghi Palace** li hu wieħed mill-iżjed bini mportanti fuq stil barokk ġewwa Slovenia. Il-Knisja ta' **San Mauro** fejn ser tisimgħu l-istorja ta' kif ħamiema salvat lil Izola mil-qerda. Issa jmiss li nżuru **Ljubljanska street** fejn ser naraw il-parti artistika tal-belt, hawn insibu għadd ta' Galleries u ħwienet oħra. Nibqgħu sejrin lejn il-port tas-sajjieda fejn hawn nisimgħu kemm hi mportanti l-industrija tal-ħut. Wara jkollna ħin liberu għal ikel (extra) u xiri ta' souvenirs. Wara nżuru r-riżort famuż ta' **Portoroz** fejn hawn nieqfu għal sightseeing. **Portoroz** hu wieħed mill-aqwa resorts fl-**Adrijatiku**. Hawn nsibu għadd ta' Casinos' kif ukoll lukandi mill-isbaħ. Nirritornaw lura l –hotel.

## L-ERBGĦA 22 TA' MEJJU

Eskursjoni mill-iżjed interessanti fejn ser ikollna l-opportunita li nżuru **Ljubljana**, il-belt kapitali ta' Slovenia. Flimkien mal-gwida ta' lokal (english speaking) naraw postijiet ta' nteress bħal **Kastell Medjevali**, **l-Old Town**, **Dragon Bridge** u **Pjazzez** mill-isbaħ. Ħin liberu għall-ikel u xiri ta' suvenirs. Nirritornaw lura lukanda għac-ċena.

## IL-ĦAMIS 23 TA' MEJJU

Skopri magħna **Cortina D' Ampezzoski** - riżort ta' fama mondjali, b xenarju mill-aqwa tal-muntanji **Dolomiti**, flimkien ma' tour leader nagħmlu dawra ma' dan il-villaġġ tant pittoresk. Ikollna ħin liberu għal xiri ta' suvenirs. Wara ikollna l-opporunita li nitilgħu bil-cable car (extra) fuq il-muntanja mnejn ingawdu spettaklu mill-aqwa tal-muntanji Dolomiti. L-aħħar waqfa tagħna tkun biex inżuru waħda mill-isbaħ lagi dik ta' **Misurina**. Nirritornaw lura l-hotel.

## IL-ĠIMGĦA 24 TA' MEJJU

Wara li nieħdu buffet breakfast nibdew il-vjaġġ tagħna lejn l-ajruport ta' Linate, għall-flight KM625 li ttir fl-15:40 u naslu lura Malta fil-17:35.

